

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni fil-Każ R 1261/2013-4 tal-5 ta' Settembru 2013 tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż;

— tistabbilixxi data għas-seduta għas-sottomissjonijiet orali

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "Winder Controls" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 7, 9, 35, 37, 41 u 42 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 11 542 412

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2013 — Bimbo vs UASI (FIBRA PROTEÍNAS NUTRIENTES)

(Kawża T-600/13)

(2014/C 31/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Bimbo, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell mogħtija fil-11 ta' Settembru 2013 u, b'konsegwenza ta' dan, tilqa' r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja figurattiva Nru 11 094 381 fir-rigward tal-prodotti kollha fil-klassi 30 li għalihom seret applikazzjoni;

— tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż, skont l-Artikolu 87(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva "FIBRA PROTEÍNAS NUTRIENTES" għal prodotti fil-klassi 30 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 11 094 381

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għar-reġistrazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati:

— ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009;

— ksur tal-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009, moqri flimkien mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2013 — Romonta vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-614/13)

(2014/C 31/24)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Romonta GmbH (Seegebiet Mansfelder Land, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Zenke, M. Vollmer, C. Telschow u A. Schulze, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/448, tal-5 ta' Settembru 2013, dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, peress li l-Artikolu 1(1) ta' din id-deċiżjoni jirrifjuta, għat-tielet perijodu ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet mill-2013 sal-2020, li jagħti lir-rikorrenti l-kwoti addizzjonali mitluba fuq il-bażi tal-klawżola ta' rigorożità eċċessiva prevista fl-Artikolu 9(5), tal-liġi Ġermaniża tal-21 ta' Lulju 2011 fuq l-iskambji ta' drittijiet ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (Treibhausgasemissionshandelsgesetz, iktar 'il quddiem it-"TEHG");